

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

577/17

11/10/2017

Dikjarazzjoni mir-Rappreżentant Għoli f'isem l-UE dwar l-allinjament ta' ċerti pajjiżi fir-rigward ta' miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja

Fis-17 ta' Lulju 2017, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1338^[1]. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tapplika restrizzjonijiet fuq il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' ċerti bastimenti u muturi lil-Libja li jistgħu jintużaw fil-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' persuni u t-traffikar tal-bnedmin.

Il-Pajjiżi Kandidati l-Albanija*, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja*, il-Montenegro* u s-Serbja*, il-pajjiż tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni u kandidat potenzjali l-Bożnija-Ħerzegovina, il-pajjiż tal-EFTA l-Iżlanda u n-Norveġja, membri taż-Żona Ekonomika Ewropea, kif ukoll ir-Repubblika tal-Moldova, l-Armenja u l-Georgia jallinjaw ruħhom ma' din id-Deċiżjoni tal-Kunsill.

Dawn ser jiżguraw li l-politiki nazzjonali tagħhom ikunu konformi ma' din id-Deċiżjoni tal-Kunsill.

L-Unjoni Ewropea tiegħu nota ta' dan l-impenn u tilqgħu.

[1] Ippubblikata fl-01.04.2017 f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea nru L89, p. 10.

* L-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Montenegro, is-Serbja u l-Albanija għadhom jagħmlu parti mill-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni.